MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2014

Appell Kriminali Numru. 313/2010

**Appell Nru. 313/2010**

**Il-Pulizija**

**(Spt. Ian J. Abdilla)**

**Vs**

**Anthony Bezzina**

**Illum 8 ta' Mejju, 2014**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli

a. fil-21 ta' April 2003 u fil-granet ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zmienijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b'qerq ta' LM294.60 ghad-dannu ta' l-istabiliment Ta' Karla Ltd. u ta' Reno Micallef;

(Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

b. u aktar talli fil-15 ta' April 2003 u fil-granet ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zmienijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel tiwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal, tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b'qerq ta' LM314.40 ghad-dannu ta' l-istabiliment Master Cellars Ltd., ta' Silvio Camilleri u ta' Kenneth Camilleri;

(Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

c. u aktar talli fid-29 ta' April 2003 u fil-granet ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zmienijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal- ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal, tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b'qerq ta' LM116.80 ghad-dannu ta' l-istabiliment Carters Supermarket u ta' Patrick Dalli u ta' Raymond Cassar;

(Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

d. u aktar talli fid-Dicembru 2000 u fil-perjodu ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zmienijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal- ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet

foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b’qerq ta’ aktar minn LM2.900.00 ghad-dannu ta’ l-istabiliment Tower Ironmongery, ta’ Godwin Abdilla u ta’ Victor Abdilla;

(Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta)

e. u aktar talli fid-21 ta’ Awissu 2003 u fil-granet ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zmienijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal- ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, b’mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b’qerq ta’ LM120.00 ghad-dannu ta’ l-istabiliment ABC Confectionery u ta’ Marisa Pace;

(Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta)

f. u aktar talli, fl-istess data, lok u hin, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, jew mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod iehor li kien, indahal biex ibieghhom jew imexxihom liema oggetti gejjin mir-reat ta’ serq;

(Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta)

U b’hekk Anthony Bezzina, sar recidiv a termini ta’ l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’diversi sentenzi moghtija mill-Qorti ta’ l-Appell datati 16.07.1992 u 02.02.1996, u mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datati 16.09.1999, 21.02.2000 u 16-07-2001, liema sentenzi saru definittivu u ma jistghux jigi mibdula;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-30 ta’ Gunju, 2010, li biha, wara li rat l-artikoli 17, 31, 18, 308, 309, 310, 334, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz ikkundannatu ghall-piena komplessiva ta’ sentejn (2) prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-12 ta' Lulju, 2010 li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata b'dan illi tikkonferma fejn din sabitu hati, fuq ammissjoni, ta' l-akkuzi kollha dedotti kontra tieghu, u tvarja l-istess sentenza fejn din ikkundannatu sentejn prigunerija b'dan illi tinfliggi piena aktar mita u idonea fic-cirkostanzi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-

Illi ssir referenza ghas-sentenza ta' l-istess Qorti fl-ismijiet premessi u ta' l-istess data.

Illi mill-qari ta' l-akkuzi rispettivi li jirrizulta li dawn jirreferu ghall-istess perjodu.

Illi konsegwentement l-akkuzi fiz-zewg processi ghandhom jitqiesu mill-perspettiva guridika bhala reat kontinwat wiehed. Dan naturalment skont il-gurisprudenza taghna ghandu jigi rifless fil-piena.

Illi ghandu jigi relevat li fil-mori ta' dan l-appell, l-appellant bi hsiebu jikkumpensa a saldu lill-vittmi ta' dawn ir-reati.

Illi huwa agixxi b'tali mod ghaliex meta kien falla n-negozju tieghu xi ftit ilu huwa waqa` f'vizzju riskjuz ta' self fejn anke spicca tilef daru u gidu kollu u kien jagixxi kif agixxa sforz il-pressjoni kbira li kienet qed issirlu mill-krédituri u ghalhekk anke fuq bazi umanitarja ta' kumpassjoni dan il-fatt ghandu jittiehed in konsiderazzjoni fil-piena.

Ikkunsidrat.

Irrizulta illi fil-perjodi ndikati fl-akkuza l-appellant gie fil-pussess b'mod illecitu ta' checque book. Uza dan ic-checque book fis-sena 2003 biex jixtri xi oggetti minn ghand diversi stabbilimenti u persuni kif jidhru fil-bidu ta' dan il-gudikat. Meta dawn il-persuni marru jsarfu dawn ic-checks dawna ma gewx onorati u konsegwentament sefa prgudikat fl-ammont indikat. L-appellant qatt ma nnega l-operat teighu waqt dawn l-investigazzjonijiet u wiehged illi sejjer jirrifondi lura dawn is-somom. Fis-seduta tat-30 ta' Gunju, 2010 l-appellant ammetta l-akkuzi fil-konfront tieghu u wara dan il-Qorti ghaddiet biex tikkundanna lill-imputat ghal sentejn prigunerija.

L-appellant hassu agravat minn din is-Sentenza u minnha nterpona appell, l-agravju principali tieghu huwa mill-fatt illi mill-qari ta' l-akkuzi jirrizulta illi dawn jirreferu ghall-istess perjodu u konsegwentement l-akkuzi fiz-zewg processi ghandhom jitqiexu mill-prospettiva guridika bhala reat kontinwat wiehed. Dan naturalment skont il-gurisprudenza taghna ghandu jigi rifless fil-piena. Fir-rikors ta' l-appell l-appellant qal li behsiebu jikkumpensa assaldu lil vittmi kollha ta' dawn ir-reati u dak li ghamel kien sforz il-pressjoni li kellu mill-kredituri wara li kien falla n-negozju tieghu.

Ikkunsidrat.

Jibda biex jinghad illi l-ammissjoni ta' l-appellant ma tistax titqies bhala wahda bikrija peress illi saret propju wara illi ntbghatu l-Artikli mill-Avukat Generali, pero' l-ewwel Qorti ghamlet sew illi mmedjetament wara l-ammissjoni ghaddiet ghas-Sentenza u l-kundanna tieghu. Fil-kawza Il-Pulizija vs Martin J. Camilleri deciza mill-Qorti ta' l-Appell kriminali fl-20 ta' Jannar, 1995 il-Qorti qalet *"Fuq ammissjoni ta' l-imputat, Qorti ma tistax hlief tghaddi ghal kundanna tieghu, a meno che ma jirrizultax li l-imputat ma jkunx fiehem in-natura ta' l-imputazzjoni, jew li ma kienetx l-intenzjoni tieghu li jammetti li huwa hati ta' dik l-imputazzjoni, jew li fuq il-fatti minnu ammessi l-Qroti ma setghetx skont il-Ligi tikkundanna, cioe' ssibu hati tar-reat."* Skont il-verbal stess l-ewwel Qorti segwiet id-dispozizzjonijiet tal-Ligi fil-kaz ta' ammissjoni meta regghet tat opportunita lill-appellant sabiex jikkonsidra dik id-dikjerazzjoni u kien biss wara li kkonfermaha li l-Qorti ghaddiet ghas-Sentenza fejn ikkundannat lill-appellant ghal perjodu

karcerarju separt ghaz-zewg kawzi. L-appellant donnu qed jippretendi illi dawna kellhom jinstemghu flimkien u jitqies bhala reat kontinwat biex b'hekk ikollu riduzzjoni tal-piena. Il-Qorti ma taqbilx ma dan l-argument, dawna huma zewg kawzi separati,setghu jinstemghu kontestwalment ghal gbir ta' provi pero' meta tigi ghal Sentenza u kundanna kellhom jinghataw zewg Sentenzi u zewg kundanni kif ghamlet l-ewwel Qorti. Fil-kawza wkoll deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru, 1994 Il-Pulizija kontra Philip Zammit et il-Qorti qalet, *"Dak li jidher li gara hu li l-kawza kontra l-appellat u l-kawza l-ohra kontra bintu, peress illi kienu jirrigwardjaw l-istess incident u l-provi fiz-zewg kawzi kienu identici, nstemghu mill-Qorti Inferjuri kontestwalment. Pero' z-zewg kawzi baqghu tnejn, sparati u distinti, u hekk ukoll baqghu z-zewg Sentenzi."* Quindi l-Ewwel Qorti ghamlet sew illi ma kkunsidratx dawn iz-zewg processi bhala reat kontinwat u tat Sentenza u kundanna ghal kull wahda minnhom.

Ghal dik illi hija l-piena l-Qorti tirrealizza illi dawn qeghdin fil-parametru tal-Ligi u huwa l-minimu illi l-Qorti setghet teroga f'dawk ic-cirkostanzi. Din il-Qorti ma tridx tinsa illi l-appellat hu recediv u ma setax allura jinghata Sentenza sospiza u l-ammissjoni tieghu ma setghetx titqies bhala wahda bikrija.

Il-principju regolatur hu li mhux normali li l-Qorti ta' l-Appell tiddisturba d-diskrizzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun fil-parametri tal-Ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika illi din il-piena tista tkun mod iehor. Din il-Qorti tqis illi l-piena nflitta hija fil-parametri tal-Ligi u ghalhekk mhux illi tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-Sentenza appellata.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------